



2023/2811

18.12.2023

DEĊIŻJONI (UE) 2023/2811 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-7 ta' Diċembru 2023

dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2020/137 (BĊE/2020/3) (BĊE/2023/31)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u b'mod partikolari l-Artikolu 29(3) u 29(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 46(2) tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

- (1) L-Artikolu 29(3) tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ") jeżiġi li l-ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital ikunu aġġustati kull ħames snin wara l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) b'analoġija mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29.1 tal-Istatut tas-SEBĊ. L-iskema ta' kapital aġġustat tapplika b'effett mill-ewwel jum tas-sena wara s-sena li fiha jseħħ l-aġġustament.
- (2) L-aħħar aġġustament ta' kull ħames snin tal-ponderazzjonijiet tal-iskema kapitali skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-SEBĊ sar fl-2018 b'effett mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Jannar 2020 ⁽¹⁾. Aġġustament addizzjonali tal-ponderazzjonijiet tal-iskema kapitali sar fl-2020 b'effett mill-1 ta' Frar 2020 skont id-Deċiżjoni (UE) 2020/137 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE (BĊE/2020/3) ⁽²⁾), fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, u l-Bank of England ma baqax bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru u għalhekk tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.
- (3) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/137 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/3) għalhekk għandha titthassar.
- (4) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE ⁽³⁾, il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet lill-Bank Ċentrali Ewropew bid-*data* statistika li għandha tintuża fid-determinazzjoni tal-iskema tal-kapital aġġustata.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Tqarrib

Fejn il-Kummissjoni Ewropea tipprowdi *data* statistika riveduta sabiex tintuża fl-aġġustament tal-iskema tal-kapital u l-figuri ma jlaħħqux il-100%, id-differenza għandha tkun ikkompensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun ta' anqas minn 100 %, billi jizzied 0.0001 ta' punt perċentwali mal-iżgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100% eżatt, jew (ii) jekk it-total ikun ogħla minn 100 %, billi jitnaqqas 0.0001 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq eżattament il-100%.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2019/43 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni BĊE BĊE/2013/28 (BĊE/2018/27) (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 178).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2020/137 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2020 dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/43 (BĊE/2020/3) (ĠU L 271, 1.2.2020, p. 4).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE tal-15 ta' Lulju 2003 dwar id-*data* statistika li għandha tintuża għal l-aġġustament tal-formula għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 43).

Artikolu 2

Ponderazzjonijiet fl-iskema tal-kapital

Il-ponderazzjoni assenjata lil kull bank ċentrali nazzjonali fl-iskema tal-kapital deskritta fl-Artikolu 29 tal-Istatut tas-SEBĊ għandha tkun skont kif ġej b'effett mill-1 ta' Jannar 2024:

Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	3,0005 %
Българска народна банка (Bulgarian National Bank)	0,9783 %
Česká národní banka	1,9623 %
Danmarks Nationalbank	1,7797 %
Deutsche Bundesbank	21,7749 %
Eesti Pank	0,2437 %
Central Bank of Ireland	1,7811 %
Bank of Greece	1,8474 %
Banco de España	9,6690 %
Banque de France	16,3575 %
Hrvatska narodna banka	0,6329 %
Banca d'Italia	13,0993 %
Central Bank of Cyprus	0,1802 %
Latvijas Banka	0,3169 %
Lietuvos bankas	0,4826 %
Banque centrale du Luxembourg	0,2976 %
Magyar Nemzeti Bank	1,5819 %
Central Bank of Malta	0,1053 %
De Nederlandsche Bank	4,8306 %
Oesterreichische Nationalbank	2,4175 %
Narodowy Bank Polski	6,0968 %
Banco de Portugal	1,9014 %
Banca Națională a României	2,8888 %
Banka Slovenije	0,4041 %
Národná banka Slovenska	0,9403 %
Suomen Pankki	1,4853 %
Sveriges Riksbank	2,9441 %

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u revoka

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-1 ta' Jannar 2024.
2. Id-Deċiżjoni (UE) 2020/137 (BĊE/2020/3) hija rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2024.
3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni (UE) 2020/137 (BĊE/2020/3) għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Diċembru 2023.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE
